MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 192/1998/1

George Mercieca f'ismu u bħala
prokuratur ta' ħuħ Luigi Mercieca ;

Maria Mercieca ;

Joseph Mercieca ;

John Portelli bħala prokuratur ta'
Christine James u Victoria Mercieca .

VS

Maria Mercieca ;

Rita Mercieca f'isimha proprju u
Bhala prokuratriċi ta'
Victor, Luigi, Salvu, Spiru u Ġuża mart Emanuel Gatt,
Aħwa Mercieca, u b'degriet tat-13 ta' Marzu 2001,
il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fis-sens illi taqra
"u l-istess Rita Mercieca kemm f'isimha proprju

kif ukoll bħala prokuratriċi ta' ħutha imsiefra
Luigi, Salvu u Ġuża mart Emanuel Gatt,
U b'degriet tal-4 ta' Ottubru 1999,
l-isem Luigi Ġie kanċellat u minflok Luigi
jiġi mdaħħal bħala wiehed mill-konvenuti
u li joqgħodl "Loulor House"
Triq Dliela, Ħaż-Żabbar, Malta ;
U b'degriet tat-3 ta' April, 2001, Rita Mercieca
Ġiet nominata biex tirrappreżenta l-eredi
Preżuntivi ta' Victor u Spiridione aħwa Mercieca ;

Giorgia Farrugia ;

Elia Mercieca f'ismu proprju u bħala prokuratur
ta' ħuh imsiefer Mariano Mercieca ;

Mary Buttigieg ;

George Mercieca ;

Joseph Mercieca ;

Emanuel Mercieca ;

Mary Sciberras ;

Evelyn Testa ;

U b'degriet tat-30 ta' Dicembru 1998
Rita Mercieca ta' 12, Triq Wied Sara, Victoria
ġiet nominata bħala kuratur deputat
biex tirrappreżenta lill-imsefrin
Crocifissa Mercieca u Toni Mercieca
wlied il-mejjet Carmelo Mercieca u
Anna Murray u Joseph Mercieca
wlied il-mejjet Toni Mercieca,
U b'degriet tal-10 ta' April, 2001, Maria Buttigieg
Ġiet nominata kutratrici deputata sabiex tirrappreżenta
lill-imsiefra Anthony Mercieca u Crocifissa Said .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi Luigi Mercieca, nannu u bużnannu rispettivament tal-kontendenti, miet fid-19 ta' Awissu, 1931 intestat u ħalla jissopravivuh lis-sitt uliedu, Ġiużepp, Kalang, Salvu, Carmelo guvni u interdett, Bernarda, xebba, u Ester, xebba ;

Illi Victoria mart l-istess Luigi Mercieca, mwielda Camilleri, mietet fit-23 ta' Ottubru 1932 u b'testment tat-23 ta' Awissu 1932 atti Nutar Francesco Refalo, ħalliet b'titolu ta' legat liż-żewġ uliedha xebbiet, Ester u Bernarda, sehemha mil-lok ta' djar bil-mandretta unita miegħu numru 15 Triq Ponta, Żebbuġ u mill-biċċa art ta' ċirka 20 tomna magħrufa bħala "Tal-Bajjada" limiti taż-Żebbuġ kontrada ta' l-Għasri, u mingħajr ma nnominat eredi, għalhekk slav għal legat fuq imsemmi wirtuha ex lege l-istess sitt uliedha fuq elenkati ;

Illi Salvu Mercieca, miet intestat fl-20 ta' Marzu 1958 u wirtuh t-tlett uliedu George, Luigi u Maria aħwa Mercieca, atturi ;

Illi Ester xebba Mercieca, mietet intestata fis-27 ta' Lulju 1966 u għalhekk wirtuha ex lege l-erba' ħutha ċioe' Ġiusepp, Kalanġ, Carmelo u Bernarda, u t-tlett ulied ta' ħuha Salvu l-imsemmija atturi, George, Luigi u Maria in rappreżentanza ta' missierhom ;

Illi fl-24 ta' Jannar 1973 mietet intestata Bernarda, xebba Mercieca, u għalhekk wirtuha ex lege t-tlett ħutha Giusepp, Kalanġ u Carmelo u l-imsemmija tlett ulied Salvu ;

Illi fil-21 ta' April 1974 miet Ġiusepp Mercieca b'testment unica charta ma martu, Victoria Mercieca, tas-7 ta' Awissu 1961 atti Nutar John Busuttil, li bih wara li ħallew l-użufrutt universali tul ħajjithom lill-erba' uliedhom : Elia, Salvu, Maria u Rita bil-kundizzjoni illi jekk xi ħadd minnhom jiżżewweġ jitlef dan l-użufrutt, u mbagħad innominaw lill-uliedhom kollha eredi universali ċioe' lill-konvenuti Elia,

Salvu, Maria, Rita, Carmelo, Spiridion, Luiġi, Antonio, Giuseppa mart Emanuele Gatt, Giorgia mart Eusebio sive Sylvio Farrugia u lil Vitor, f'porzjonijiet ugwali bejniethom ;

Illi fit-8 ta' ottubru 1975 miet intestat Kalanġ Mercieca u wirtuh ex lege t-tlett uliedu, l-atturi Joseph Merceca, Peter Paul u l-konvenut Mariano Mercieca ;

Illi fid-9 ta' Novembru 1977 miet intestat fl-Awstralja Peter Paul Mercieca, bin Kalanġ u wirtuh ex lege ż-żewġ uliedu l-atturi Christine mart Geoffrey James u Victoria xebba Mercieca;

Illi fis-26 ta' Diċembru 1991 miet ġuvni intestat u interdett Carmelo Mercieca li għalhekk wirtuh ex lege per capita n-neputijiet kollha tiegħu, wieħed minn sbatax-il parti (1/17) indiviżi jew uliedhom fil-każ tan-neputijiet li mietu qablu ;

Illi għalhekk l-assijiet ta' Luigi u Victoria konjuġi Mercieca llum jappartjenu indiviżament bejniethom, kwantu għal kwart indiviż kull wieħed per stirpe lit-tfal ta' Salvu Mercieca bejniethom, kwart indiviż bejniethom lit-tfal ta' Kalanġ Mercieca, u kwart indiviż bejniethom lit-tfal ta' Giusepp Mercieca, ċioe' kwart kull ċipp, waqt illi l-kwart indiviż li kien jappartjeni lil Carmelo Mercieca jrid jinqasam wieħed minn sbatax (1/17) kull wieħed bejn is-sbatax-il neputi tiegħu jew eredi tagħhom f'każ ta' permorjenza ;

Illi l-atturi ma jridux jibqgħu aktar jippossjedu in komun il-fondi ġejjin lilhom mill-wirt u suċċessjoni tal-imsemmija Luigi u Victoria konjuġi Mercieca u tas-sitt uliedhom u għalhekk qed jagħmlu din il-kawża .

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti :

1. Tillikwida l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn Luigi u Victoria Mercieca u tiddividi l-istess assi nofs kull wieħed bejn l-ereditajiet tal-imsemmija konjuġi Mercieca ;

2. Tillikwida l-assijiet partikolari tal-imsemmija Luigi u Victoria Mercieca u taqsamhom sest

(1/6) kull wieħed bejn l-ereditajiet tas-sitt uliedhom : Giużepp, Kalang, Salvu, Carmelo, Bernarda, u Ester aħwa Mercica ;

3. Tillikwida l-assi partikulari ta' Ester Mercieca u taqsmu kwint (1/5) kull wieħed bejn l-ereditajiet ta' Giużepp, Kalanġ, Salvu, Carmelo, u Bernarda aħwa Mercieca ;

4. Tillikwida l-assi partikulari ta' Bernarda Mercieca u taqsmu kwart (1/4) kull wieħed bejn l-ereditajiet ta' Giużepp, Kalanġ, Salvu u Carmelo aħwa Mercieca; kif rappreżentati mir-rispettivi kontendenti f'din il-kawża ;

5. Tillikwida l-assi partikulari ta' Carmelo aħwa Mercieca u taqsmu wieħed minn sbatax-il parti (1/17) kull wieħed lis-sbatax-il neputi tiegħu jew fil-każ ta' Peter Paul Mercieca, bin Kalanġ, Carmelo u Toni aħwa Mercieca, ulied Giużepp lill-werrieta rispettivi tagħhom u dana kif rappreżentati mir-rispettivi kontendenti ;

6. Tinnomina perit jew periti sabiex jagħmlu l-likwidazzjonijiet neċessarji u jekk ikun il-każ jipproponu pjan ta' qasma ;

7. Tinnomina Nutar għall-pubblikazzjoni tal-opportun kuntratt ta' diviżjoni fil-ġurnata ħin u lok li jiġi ordnat minn din il-Qorti u kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi fuq l-istess kuntratt .

Bl-ispejjeż inkluza s-sisa u bis-subizzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi, konfermata bil-ġurament ta' Joseph Mercieca .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Maria Mercieca u ta' oħtha Rita Mercieca, din ta' l-aħħar kemm fil-kwalita' tagħha ta' prokuratriċi ta' ħutha msiefrin Victor, Luigi, Salvu, Spiridione u Ġuza mart Emanuel Gatt, u f'isimha proprja, kif ukoll bħala kuratriċi tal-imsifrin

Crocifissa Mercieca, Toni Mercieca, Anne Murray u Joseph Mercieca li eċċepew illi :

1. Illi l-eċċipjenti ma jopponux ruħhom għad-diviżjoni mitluba mill-atturi salv li qabel jiġu verifikati l-kwoti rispettivi tal-partijiet kontendenti u tiġi stabbilita l-konsistenza tal-assi in diviżjoni, u salv ukoll li l-eċċipjenti Maria u Rita personalment jiġu ikkumpensati adegwatament għal servizzi, kuri, u assistenzi li kienu ġew reżi minnhom lil Esther u Bernarda, xebbiet, aħwa Mercieca ;

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti mahlufa minn Rita Mercieca.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Mercieca, Emanuel Mercieca u ta' Maria armla ta' Carmelo Buttigieg li eċċepew illi :

1. Illi huma ma jopponux it-talba għad-diviżjoni kontenuta f'din iċ-ċitazzjoni, purke jiġu qabel xejn verifikati l-assi in divizjoni, u l-kwoti spettanti lil kull wieħed mill-eredi, kif ukoll illi jsiru l-kollazzjonijiet skond il-liġi .

2. Illi pero' għandu jiġi speċifikat illi fiċ-ċitazzjoni hemm xi skorrettezzi fis-sens illi Victor Mercieca, u Spiridione Mercieca ulied il-mejjet Giusepp huma infushom mejta ukoll u kwindi jeħtieġ illi ssir id-debita korrezzjoni fis-sens illi ċ-ċitazzjoni ssir kontra l-preżunti werrieta tagħhom u mhux kontra tagħhom personalment ;

3. Illi għandu jiġi speċifikat illi Carmelo Mercieca iben ieħor tal-mejjet Giusepp miet fil-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru elf disa' mija ħamsa u tmenin (1985) u lil dan wirtuh is-seba' wliedu Emanuel, Maria Buttigieg, Gorg, Joseph, Anthony, Kurcifissa Said, u Carmela xebba . Illi din Carmela a sua volta mietet fil-ħmistax ta' Marzu elf disa' mija wieħed u disgħin (1991), u ħalliet eredi universali tagħha lil ohtha germana Maria Buttigieg, hija

ukoll konvenuta skond testment redatt minnha fl-atti tan-Nutar Michael Refalo . Ghaldawstant il-kwota spettanti lil Carmelo (illi hija ta' waħda minn erbgħa u erbgħin (1/44) direttament mingħand missieru, u waħda ta' tmienja u sittin 91.69) mingħand zijuh Carmelo) trid tinqasam bejn is-sebat uliedu, b'dan illi llum lil Maria Buttigieg jiġu assenjati żewġ settimi (2/7) indiviżi minn din il-kwota, mentri lill-ulied sopravissuti l-oħra jiġu assenjati settima parti (1/7) indiviża kull wieħed .

4. Illi huma qatt ma opponew id-diviżjoni mitluba mill-atturi u kwindi ma għandhom jħallsu ebda parti mill-ispejjeż .

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Mary Buttigieg .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Elia Mercieca proprio et nomine li eċċepixxa illi :

1. Illi huwa ma jopponix it-talba għad-divizjoni kontenuta f'din iċ-ċitazzjoni, purke jiġu qabel xejn verifikati l-assi in diviżjoni, u l-kwoti spettanti lil kull wieħed mill-eredi, kif ukoll illi jsiru l-kollazzjonijiet skond il-liħi .

2. Illi huwa qatt ma oppona d-divizjoni mitluba mill-atturi u kwindi ma għandu jħallas ebda parti mill-ispejjeż .

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut proprio et nomine minnu maħlufa .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Gorg Mercieca li eċċepixxa illi :

1. Illi huwa ma jopponix it-talba għad-divizjoni kontenuta f'din iċ-ċitazzjoni, purke jiġu qabel xejn verifikati l-assi in diviżjoni, u l-kwoti spettanti lil kull wieħed mill-eredi, kif ukoll illi jsiru l-kollazzjonijiet skond il-liġi .

2. Illi huwa qatt ma oppona d-diviżjoni mitluba mill-atturi u kwindi ma għandu jħallas ebda parti mill-ispejjeż .

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu maħlufa.

Rat id-digriet tagħha ta' l-4 ta' Ottubru 1999 fejn ordnat il-kjamata fil-kawża ta' Luigi Mercieca .

Rat ir-riferta pożittiva ta' l-istess Luigi Mercieca li ġie notifikat b'din iċ-ċitazzjoni fl-14 ta' Ottubru 1999 .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Mercieca li eċċepixxa illi :

1. Illi huwa ma jopponix it-talba għad-diviżjoni kontenuta f'din iċ-ċitazzjoni, purke jiġu qabel xejn verifikati l-assi in diviżjoni, u l-kwoti spettanti lil kull wieħed mill-eredi, kif ukoll illi jsiru l-kollazzjonijiet skond il-liġi .

2. Illi huwa qatt ma oppona d-diviżjoni mitluba mill-atturi u kwindi ma għandu jħallas ebda parti mill-ispejjeż .

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess Emmanuel Mercieca minnu maħlufa .

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Frar 2001 fejn ġie nominat l-A.I.C. Edward Scerri bħala perit tekniku sabiex jagħmel valutazzjoni u pjanti tal-fondi in diviżjoni .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Rita Mercieca bħala kuratriċi ta' l-eredi tal-mejtin Victor Mercieca u Spiridione Mercieca, li biha eċċepiet illi :

1. Illi l-eċċipjenti ma topponix ruħha għad-diviżjoni mitluba mill-atturi salv li qabel jiġu verifikati l-kwoti rispettivi tal-partijiet kontendenti u tiġi stabbilita l-

konsistenza tal-assi in diviżjoni, u salv ukoll li jiġu mħarsin id-dispożizzjonijiet testamentarji ta' Giuseppe u Vittorja Mercieca, li jiġu l-ġenituri tal-eċċipjenti Rita Mercieca proprio u ta' Victor u Spiridione aħwa Mercieca a rigward tas-sehem li jispetta lil Giuseppe Mercieca ;

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess Rita Mercieca nomine minnha maħlufa .

Rat ir-rapport ta' l-espert minnha nominat ppreżentat fil-5 ta' Jannar 2004 u minnu maħluf fit-30 ta' April 2004 .

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' April 2004 fejn ordnat lill-perit tekniku jipprepara pjan ta' qasma tar-raba in diviżjoni li tista' tinqasam fi tliet porzjonijiet .

Rat ir-rapport addizzjonali ta' l-A.I.C. Edward Scerri preżentata fit-28 ta' Frar 2006 u maħluf fl-istess gurnata .

Rat il-verbal tagħha tat-8 ta' Novembru 2006 fejn il-kontendenti qablu li peress illi l-kwoti spettanti lilhom ma humiex ugwali, il-beni ma jistgħux ikunu komodament diviżibbli bejniethom, u għalhekk ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assi ereditarji ta' Luigi u Victoria konjuġi Mercieca, ġia nanniet u bużnanniet tal-kontendenti, kif ukoll ta' uliedhom Ester u Bernarda aħwa xebbiet Mercieca, u ta' binhom Carmelo Mercieca .

Irriżulta illi Luigi Mercieca miet intestat filwaqt illi martu għamlet testment in atti Nutar Francesco Refalo fit-23 ta' Awissu 1932 fejn, mingħajr ma nnominiat eredi, ħalliet

b'titolu ta' prelegat liż-żewġ uliedha xebbiet hawn fuq imsemmija, sehemha mill-lok ta' djar bin-numru 15 Triq Ponta, Żebbuġ, Għawdex, bil-mandretta unita miegħu, u mill-biċċa raba magħrufa bħala "tal-Bajjada" limiti taż-Żebbuġ, kontrada ta' l-Għasri[1] .

L-assi tal-mejtin Luigi u Victoria konjuġi Mercieca, li jidher illi kollha kienu jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti ġia eżistenti bejniethom, ġew stabiliti mill-espert nominat mill-Qorti li kienu jikkonsistu fis-segwenti :

1. Il-post numru ħdax (dari numru 15) Triq Ponta, Żebbuġ, Għawdex, b'mandretta miegħu li b'kollox ikopri madwar mitejn u tlieta u ħamsin metru kwadru (253m.k.), stmat mill-perit tekniku tal-valur ta' ħamsa u tmenin elf lira maltija (Lm85,000)[2];

2.Post in parti mwaqqa' fi Triq Lampuka, Żebbuġ, Għawdex, b'mandretta miegħu annessa li b'kollox ikopri madwar mija u disgħa u sebgħin metru kwadru (179m.k.), li ġie minnu stmat tal-valur ta' ħamsa u tletin elf lira maltija (Lm35,000)[3] ;

3. Raba f'tal-Bajjada, fl-Għasri, Wied Grigal, li jkopri madwar erbat'elef mija u tmienja u sittin metru kwadru (4168 m.k.), u jmiss nofsinhar ma' beni ta' Joseph Mercieca, u punent ma' Triq il-Knisja, Għasri, stmat tal-valur ta' sitt elef u seba' mitt lira maltija (Lm6700)[4] ;

4. Raba f'tal-Bajjada, l-Għasri li jkopri madwar tlett elef mitejn u ħamsin metri kwadri (3250m.k.), imiss mill-majjistral u mill-grigal ma' beni ta' Salvu Mercieca u mill-punent ma' Triq il-Knisja, Għasri, stmat tal-valur ta' tlett elef u ħames mitt lira maltija (Lm3500)[5] ;

5. Raba magħruf "tat-Tafal", limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, li jkopri madwar erba' mija u żewġ

---

[1] Ara testment relattiv a fol.19 - 20 tal-process .
[2] ara rapport peritali a fol. 150 u pjanti Dok. MM1 a fol. 154 u Dok. MM 1b a fol. 155 .
[3] ibid. u pjanti Dokti MM 2 a u b a fol. 156, 157 .
[4] Ibid u pjanta Dok. MM 3 a fol. 158 .
[5] ibid u pjanta Dok. MM 4 a fol. 159 .

metri kwadri (402 m.k.), jmiss punent ma' passaġġ, tramuntana u nofsinhar ma' beni ta' Joseph Cini, stmat tal-valur ta' mitejn u tletin lira maltija (Lm230)[6] ;

6. Raba fejn "tas-Sasis" jew "ta' Gerita" limiti ta' l-Għasri, li jkopri madwar mija disgħa u tmenin metri kwadri (189 m.k.) u jmiss tramuntana ma' beni ta' Joseph Attard, lvant mat-triq tal-Wied ta' l-Għasri u nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Grima, stmat tal-valur ta' mitejn u ħamsin lira maltija (Lm250)[7] .

Il-kontendenti jidhru li qablu mal-konsistenza ta' dawn l-assi u l-valur attribwit lilhom . Il-konjuġi Luigi u Victoria Mercieca kellhom sitt itfal, u ċioe' : Giusepp, Kalang, Salvu, Carmelo ġuvni u interdett, Bernarda xebba u Ester xebba . Kif ġia rajna, il-missier miet intestat u għalhekk kull wieħed minn uliedu wiret nofs minn sest indiviż (1/12) tal-beni hawn fuq deskritti .

L-ahwa xebbiet tħallew prelegat minn ommhom ta' sehemha mill-post ta' triq il-Ponta u r-raba "tal-Bajjada" . Jiġi allura illi mill-assi ta' l-omm, Ester u Bernarda aħwa xebbiet Mercieca wirtu kull waħda minnhom : wieħed minn erba' (1/4) partijiet indiviżi mid-dar ta' Triq il-Ponta u r-raba "Tal-Bajjada, u wieħed minn tnax-il parti (1/12) tal-beni l-oħra, filwaqt illi s-subien wirtu mingħand ommhom wieħed minn tnax (1/12) il-parti kull wieħed mill-beni l-oħra mhux prelegati . Imma billi dawn x-xebbiet mietu t-tnejn intestati, l-isħma kollha li kellhom mill-wirt tal-ġenituri tagħhom, għadda għand ħuthom li ssopravivewhom jew it-tfal tagħhom skond il-każ . Ma rriżultax illi dawn ix-xebbiet kellhom xi beni personali tagħhom .

Carmelo Mercieca miet ġuvni u improle, interdett u intestat, u għalhekk is-sehem tiegħu minn dawn il-beni għadda għand it-tfal ta' ħutu miżżewġin, li lkoll mietu qablu, u f'xi każi, fejn anke dawn kienu mietu qablu, għand uliedhom . Lanqas f'dan il-każ ma jirriżulta illi

[6] ibid u pjanta Dok. MM 5 a fol. 160 .
[7] ibid. u pjanta Dok. MM6 a fol. 161 .

Carmelo Mercieca kellu xi beni personali, u għalhekk jiġi illi fl-epoka tal-mewt tiegħu kien jipposjedi :

(i) wieħed minn tnax (1/12) il-parti minn dawk il-beni li wiret direttament mingħand missieru ;

(ii) wieħed minn tmien (1/8) partijiet mid-dar ta' Triq Ponta u r-raba ta' Bajada li wiret mingħand ħutu x-xebbiet ; u

(iii) wieħed minn erbgħa u għoxrin (1/24) parti oħra mill-beni l-oħra, provenjenti mill-assi ta' l-omm u li ma kienux prelegati lill-ħutu x-xebbiet .

Billi dan Carmelo Mercieca miet l-aħħar wieħed mill-aħwa, imma kien hemm neputijiet, tfal ta' ħutu li mietu qablu wkoll, is-sehem tiegħu minn dawn il-beni ma setax jinqasam *per capita* bejn dawn in-neputijiet, billi mhumiex kollha ta' fergħa waħda,[8] kif jippretendu l-atturi fiċ-ċitazzjoni tagħhom, imma *per stirpes*, skond il-liġi .

Jiġi għalhekk illi llum il-beni kollha in diviżjoni jridu jinqasmu fi tliet (3) ċippijiet ugwali, u ċioe' dak tat-tfal ta' Ġiużepp Mercieca, dak tat-tfal ta' Kalang Mercieca u dak tat-tfal ta' Salvu Mercieca .

**Ġiuzepp Mercieca** kellu ħdax (11) il-ulied, u ċioe' l-kontendenti : Maria xebba Mercieca, Rita xebba Mercieca, Carmelo, Victor, Luigi, Salvu, Elia, Grezzja Gatt, Giorgia Farrugia, Toni u Spiridione, u għalhekk jiġi illi dawn jipposjedu wieħed minn tlieta u tletin (1/33) parti ndiviża kull wieħed . Carmelo Mercieca, wieħed minn dawn l-ulied huwa mejjet, u għalhekk is-sehem tiegħu irid jinqasam bejn is-sitt (6) uliedu : Joseph, Emanuel, George, Toni, Crocifissa Said u Mary Buttigieg, biex kull wieħed minnhom imissu : wieħed minn mija tmienja u disghin (1/198) parti ndiviża . Toni Mercieca, iben ieħor ta' Giużepp Mercieca, ukoll huwa mejjet u lil dan wirtuh it-tliet uliedu, l-kontendenti : Mary Sciberras, Evelyn Testa u

[8] art. 805 (2) tal-kap.16 .

Anne Murray, biex kull wieħed minnhom imissu : wieħed minn disgħa u disgħin (1/99) parti ndiviża .

**Kalang Mercieca** kellu tliet itfal : Joseph, Peter Paul u Mariano u għalhekk dawn wirtu : wieħed minn disa' partijiet indiviżi (1/9) kull wieħed . Imma Peter Paul huwa mejjet u ħalla żewġt itfal : Christine James u Vicky xebba Mericeca, li għalhekk imisshom wieħed minn tmintax (1/18) il-parti kull wieħed .

**Salvu Mercieca** kellu tliet itfal : George, Luigi u Maria xebba li għalhekk wirtu wieħed minn disa' partijiet (1/9) indiviżi kull wieħed minn dawn l-assi .

Huwa evidenti illi kif stabilixxa l-perit tekniku u kif anke qablu l-kontendenti, dawn l-assi mhumiex komodament diviżibbli bejn daqstant kondividenti . Għalhekk l-unika alternattiva hija l-bejgħ in liċitazzjoni ta' l-istess beni, sabiex imbagħad ir-rikavat jinqasam bejn l-istess kontendenti, kulħadd skond is-sehem rispettiv tiegħu .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi :

1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-beni formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-mejtin Luigi u Victoria Mercieca kienu jikkonsistu fis-segwenti :

(a) il-post numru ħdax (dari numru 15) Triq Ponta, Żebbuġ, Għawdex, b'mandretta miegħu li b'kollox ikopri madwar mitejn u tlieta u ħamsin metru kwadru (253m.k.), stmat mill-perit tekniku tal-valur ta' ħamsa u tmenin elf lira maltija (Lm85,000);

(b) post in parti mwaqqa' fi Triq Lampuka, Żebbuġ, Għawdex, b'mandretta miegħu annessa li b'kollox ikopri madwar mija u disgħa u sebgħin metru kwadru (179m.k.), li ġie minnu stmat tal-valur ta' ħamsa u tletin elf lira maltija (Lm35,000);

(c) raba f'tal-Bajjada, fl-Għasri, Wied Grigal, li jkopri madwar erbat'elef mija u tmienja u sittin metru kwadru (4168 m.k.), u jmiss nofsinhar ma' beni ta' Joseph

Mercieca, u punent ma' Triq il-Knisja, Għasri, stmat tal-valur ta' sitt elef u seba' mitt lira maltija (Lm6700) ;

(d) raba f'tal-Bajjada,l-Ghasri li jkopri madwar tliet elef mitejn u ħamsin metri kwadri (3250m.k.), imiss mill-majjistral u mill-grigal ma' beni ta' Salvu Mercieca u mill-punent ma' Triq il-Knisja, Għasri, stmat tal-valur ta' tliet elef u ħames mitt lira maltija (Lm3500) ;

(e) raba magħruf "tat-Tafal", limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, li jkopri madwar erba' mija u żewġ metri kwadri (402 m.k.), jmiss punent ma' passaġġ, tramuntana u nofsinhar ma' beni ta' Joseph Cini, stmat tal-valur ta' mitejn u tletin lira maltija (Lm230); u

(f) raba fejn "tas-Sasis" jew "ta' Gerita" limiti ta' l-Għasri, li jkopri madwar mija disgħa u tmenin metri kwadri (189m.k.) u jmiss tramuntana ma' beni ta' Joseph Attard, lvant mat-triq tal-Wied ta' l-Għasri u nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Grima, stmat tal-valur ta' mitejn u ħamsin lira maltija (Lm250) ;

2. tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-assi partikolari ta' l-imsemmi Luigi Mercieca kien jikkonsisti f'nofs indiviż minn dawn il-beni, u dak ta' Victoria Mericeca fin-nofs indiviż l-ieħor ;

3. tillikwida l-assi partikolari ta' Ester Mercieca u tiddikjarah konsistenti f'wieħed minn tnax (1/12) il-parti ndiviża minn dawk il-beni li wirtet mingħand missierha, wieħed minn erba' (1/4) partijiet indiviżi mid-dar ta' triq Ponta u r-raba "tal-Bajjada" prelegati lilha minn ommha, u wieħed minn tnax (1/12) il-parti ndiviża mill-beni l-oħra li wirtet mingħand ommha ; u taqsmu kwint (1/5) indiviż kull wieħed bejn l-ereditajiet ta' ħutha l-oħra : Giusepp, Kalang, Salvu, Carmelo u Bernarda ahwa Mercieca ;

4. tillikwida l-assi partikolari ta' Bernarda Mercieca u tiddikjarah konsistenti f'wieħed minn tnax (1/12) il-parti ndiviża minn dawk il-beni li wirtet mingħand missierha, wieħed minn erba' (1/4) partijiet indiviżi mid-dar

ta' triq Ponta u r-raba "tal-Bajjada" prelegati lilha minn ommha, u wieħed minn tnax (1/12) il-parti ndiviża mill-beni l-oħra li wirtet mingħand ommha ; magħdud ma' kwint (1/5) indiviż minn dak li wirtet mingħand oħtha Ester, u taqsmu kwart (1/4) indiviż kull wieħed bejn l-ereditajiet ta' ħutha l-oħra : Giusepp, Kalang, Salvu u Carmelo, aħwa Mercieca ;

5. tillikwida l-assi partikolari ta' Carmelo Mercieca u tiddikjarah konsistenti fi tnax (1/12) il-parti ndiviża minn dawk il-beni li wiret mingħand missieru, wieħed minn tnax (1/12) il-parti ndiviża ta' dawk il-beni, li ma ġewx prelegati lil ħutu x-xebbiet, u kwart (1/4) indiviż ta' dak li wiret mingħand ħutu x-xebbiet ; u sussegwentement taqsmu terz (1/3) indiviż kull wieħed bejn l-ereditajiet ta' ħutu l-oħra : Giusepp, Kalang u Salvu, aħwa Mercieca;

6. billi l-beni in diviżjoni ġew dikjarati mhux komodament diviżibbli bejn daqstant kondividenti, tiċħad is-sitt talba u tordna minflok il-bejgħ in liċitazzjoni ta' dawn il-beni, bl-ammissjoni ta' l-oblaturi estraneji, sabiex ir-rikavat jinqasam bejn il-kondividenti, kulħadd skond is-sehem rispettiv tiegħu, kif ġie stabilit iżjed 'l fuq f'din is-sentenza .

L-ispejjeż, billi din hija kawża għad-diviżjoni, għandhom jiġu ssoportati bejn il-kondividenti, kulħadd skond sehmu .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------